



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.2.2013
COM(2013) 86 final

2013/0053 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea rigward ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali u l-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp previst fil-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (minn hawn 'il quddiem 'FSE interim') bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar (Eastern and Southern Africa States - ESA), fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq in-naħa l-oħra kien ġie ffirmat fid-29 ta' Awwissu 2009 u ġie applikat provviżorjament mill-14 ta' Mejju 2012.

L-Artikolu 64 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat tal-FSE li għandu jkun responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Ftehim u mit-twettiq ta' kwalunkwe kompit u msemmi fih.

Il-Kumitat tal-FSE għandu jkun meġġun fit-twettiq ta' dmirijiet mill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali, li huwa stabbilit skont l-Artikolu 41 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim, u mill-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp, li huwa stabbilit skont l-Artikolu 52 tal-Ftehim.

Il-Kumitat tal-FSE għandu jiddetermina r-regoli li jirregolaw l-organizzazzjoni u l-operat tiegħu kif ukoll ir-Regoli ta' Proċedura għaż-żewġ Sottokumitati.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-obbligu li jiġu stabbiliti r-Regoli ta' Proċedura huwa stipulat fl-FSE Interim. Il-Partijiet kollha fil-Ftehim ġew ikkonsultati u kien hemm qbil dwar it-test tar-Regoli ta' Proċedura li ġie approvat ad referendum minn erba' Stati Firmatarji tal-ESA (il-Madagaskar, il-Mawrizju, is-Seychelles, iż-Żimbabwe) fil-laqgħa inawgurali tal-Kumitat tal-FSE f'Ottubru 2012.

Ma twettqitx valutazzjoni tal-impatt ta' din il-proposta minħabba li din l-inizjattiva ma għandhiex impatt ekonomiku, soċjali jew ambjentali dirett.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-proposta tinkludi abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tiġi stabbilita pożizzjoni għall-Unjoni Ewropea. Fil-passat ġew adottati deċiżjonijiet simili biex ġew adottati r-regoli proċedurali ta' FSE.

Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tinkludi bħala anness abbozz tad-Deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kumitat tal-FSE fl-2013. Din tal-aħħar tinkludi 3 annessi li jkopru, rispettivament, ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat tal-FSE, tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali, tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp. Dawn ir-regoli kollha kienu maqbula u approvati ad referendum b'erba' Stati Firmatarji tal-ESA fil-laqgħa inawgurali tal-Kumitat tal-FSE f'Ottubru 2012.

4. IMPLIKAZZJONI BAĖITARJA

Limitata għan-nefqa amministrattiva.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea rigward ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali u l-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp previst fil-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra¹,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra ġie ffirmat fid-29 ta' Awwissu 2009 u beda jiġi provviżorjament applikat mill-14 ta' Mejju 2012.
- (2) L-Artikolu 64 tal-Ftehim imsemmi jistabbilixxi Kumitat tal-FSE, li għandu jkun responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Ftehim u mit-twettiq ta' kwalunkwe kompitu msemmi fih.
- (3) L-Artikolu 64 jipprevedi li l-Kumitat tal-FSE għandu jiddetermina r-regoli li jirregolaw l-organizzazzjoni u l-operat tiegħu.
- (4) Il-Kumitat tal-FSE għandu jkun megħjun fit-twettiq ta' dmirijietu mill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali, li huwa stabbilit skont l-Artikolu 41 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim, u mill-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp, li huwa stabbilit skont l-Artikolu 52 tal-Ftehim Interim.
- (5) L-Unjoni Ewropea għandha tiddetermina l-pożizzjoni li trid tittieħed fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kumitat tal-FSE u żewġ Sottokumitati stabbiliti skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE prevista fil-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-

¹ ĠU L 111, 24.4.2012, p. 1.

Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, dwar ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu għandhom ikunu bbażati fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE anness ma' din id-Deċiżjoni.

Tibdil minuri fl-abbozz tad-Deċiżjoni jista' jiġi miftiehem mingħajr aktar deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX
DEĊIŻJONI Nru .../2013
TAL-KUMITAT TAL-FSE

stabbilit mill-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali u l-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp

IL-KUMITAT TAL-FSE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim”), iffirmat fi Grand Baie fid-29 ta' Awwissu 2009 u applikat provviżorjament mill-14 ta' Mejju 2012, u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim jipprovdi li l-Kumitat tal-FSE għandu jiddetermina r-regoli li jirregolaw l-organizzazzjoni u l-operat tiegħu.
- (2) Il-Kumitat tal-FSE għandu jkun megħjun fit-twettiq ta' dmirijiet mill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali, li huwa stabbilit skont l-Artikolu 41 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim, u mill-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp, li huwa stabbilit skont l-Artikolu 52 tal-Ftehim Interim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Ir-regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE huma stabbiliti kif stipulat fl-Anness I, ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali fl-Anness II u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp fl-Anness III.
2. Dawn ir-Regoli huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola speċjali prevista fil-Ftehim jew li tista' tiġi deċiża mill-Kumitat tal-FSE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi

Magħmul fi (post), fi (data).

ANNESS I

REGOLI TA' PROĊEDURA GĦALL-KUMITAT TAL-FSE

stabbilit mill-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Ir-Regoli ta' Proċedura f'dan l-Anness għandhom japplikaw għall-proċedimenti ta' kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat tal-FSE.

Artikolu 2

Komposizzjoni u President

1. Il-Kumitat tal-FSE huwa kompost, fuq naħa minn rappreżentanti tal-Parti tal-UE u fuq in-naħa l-oħra minn rappreżentanti tal-Istati Firmatarji mill-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar ("Stati Firmatarji tal-ESA")², f'livell Ministerjali jew f'livell uffiċjali għoli.
2. Ir-referenza għall-“Partijiet” fir-Regoli ta' Proċedura hija skont id-definizzjoni prevista fl-Artikolu 61 tal-Ftehim.
3. Il-Kumitat tal-FSE fil-livell ministerjali għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u minn rappreżentant tal-Istati tal-ESA. Il-Kumitat tal-FSE fil-livell uffiċjali għoli għandu jkun kopresedut minn uffiċjali għolja tal-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Parti tal-UE, u mir-rappreżentanti tal-Istati tal-ESA Firmatarji, normalment f'livell uffiċjali għoli. L-Istati tal-ESA firmatarji jassumu l-Presidenza fuq bażi annwali b'rotazzjoni.

Artikolu 3

Osservaturi

1. Rappreżentanti tas-Suq Komuni għall-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar (Common Market for Eastern and Southern Africa - COMESA) u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni tal-Oċean Indjan (Indian Ocean Commission - IOC) għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat tal-FSE bħala osservaturi.
2. Is-Segretarju tal-Kumitat tal-FSE għandu jinnotifika lir-rappreżentanti tal-COMESA u tal-IOC bi kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat tal-FSE sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw bħala osservaturi.
3. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu kollettivament li jistiednu osservaturi addizzjonali fuq bażi *ad hoc*. Dawn l-osservaturi jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħa, fuq stedina ta' Kopresident u bl-approvazzjoni tal-Kumitat tal-FSE.
4. Il-Kumitat tal-FSE jista' jiddetermina li kwalunkwe parti mil-laqgħat li jinvolvu kwistjonijiet sensittivi jistgħu jkunu magħluqa għall-osservaturi.

² Il-Madagaskar, il-Mawrizju, is-Seychelles u ż-Żimbabwe.

Artikolu 4

Laqgħat

1. Il-Kumitat tal-FSE għandu jiltaqa' darba fis-sena jew meta ċ-ċirkostanzi jkunu jeħtieġu dan, jekk il-Partijiet jaqblu li jagħmlu hekk. Jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu, il-laqgħat tal-Kumitat tal-FSE jistgħu jsiru permezz ta' konferenza bil-vidjow jew telekonferenza. F'dan il-każ kull Parti għorri l-ispiża rispettiva tagħha assoċjata mat-twertiq ta' laqgħa b'dawn il-mezzi, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor.
2. Kull sessjoni tal-Kumitat tal-FSE għandha ssir f'data u post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ Partijiet.
3. Il-laqgħat tal-Kumitat tal-FSE għandhom jissejħu mis-Segretarju tal-Kumitat tal-FSE.

Artikolu 5

Delegazzjonijiet

Qabel kull laqgħa, il-Kopresidenti tal-Kumitat tal-FSE għandhom ikun infurmati dwar kif bi ħsiebhom jkunu komposti d-delegazzjonijiet tal-Istati tal-ESA u tal-Parti tal-UE.

Artikolu 6

Segretarjat

1. L-uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati tal-ESA Firmatarji għandhom jaġixxu fuq bażi alternata għal perjodi ta' tnax-il xahar bħala Segretarju tal-Kumitat tal-FSE. L-Istat tal-ESA firmatarju jista' jkun assistit mis-Segretarjat tal-COMESA.
2. L-ewwel perjodu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kumitat tal-FSE tal-Ftehim u jintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara. Is-Segretarjat tal-Kumitat tal-FSE l-ewwel ser ikun f'idejn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea. L-Istati tal-ESA Firmatarji se jassumu s-Segretarjat fuq bażi ta' rotazzjoni.

Artikolu 7

Dokumenti

Meta d-deliberazzjonijiet tal-Kumitat tal-FSE jkunu bbażati fuq dokumenti bil-miktub ta' appoġġ, dawn id-dokumenti jiġu nnumerati u ċċirkolati bħala dokumenti tal-Kumitat tal-FSE mis-Segretarju mill-anqas 14-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa.

Artikolu 8

Korrispondenza

1. Kull korrispondenza indirizzata lill-Kumitat tal-FSE għandha tintbagħat lis-Segretarju tal-Kumitat tal-FSE.
2. Is-Segretarju għandu jiżgura li l-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat tal-FSE tingħata lill-Kopresidenti tal-Kumitat u tiġi ċċirkolata, fejn xieraq bħala dokumenti msemija fl-Artikolu 7 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.
3. Il-korrispondenza mill-Kopresidenti tal-Kumitat tal-FSE għandha tintbagħat lill-Partijiet mis-Segretarju u fejn xieraq tiġi ċċirkolata bħala dokumenti msemija fl-Artikolu 7 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

Artikolu 9

Aġenda tal-laqgħat

1. Għandha titfassal aġenda annotata provviżorja għal kull laqgħa mis-Segretarju tal-Kumitat tal-FSE abbażi tal-proposti li jsiru mill-Partijiet. Din għandha tintbagħat mis-Segretarju tal-Kumitat tal-FSE lill-Partijiet sa mhux iktar tard minn tliet ġimgħat qabel il-bidu tal-laqgħa.
2. L-aġenda annotata provviżorja għandha tinkludi l-punti, li sa mhux aktar tard minn xahar qabel il-bidu tal-laqgħa s-Segretarju jkun irċieva talba biex jiġu inklużi fl-aġenda, għalkemm dawn il-punti ma għandhomx jitniżżlu fl-aġenda provviżorja sakemm id-dokumenti rilevanti ta' appoġġ ma jkunux waslu għand is-Segretarju sa mhux aktar tard mid-data li fiha tintbagħat l-aġenda provviżorja.
3. L-aġenda tiġi adottata mill-Kumitat tal-FSE fil-bidu ta' kull laqgħa. Punt appartidawk li jidhru fl-aġenda provviżorja jista' jittqiegħed fuq l-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.
4. Il-Kopresidenti tal-Kumitat tal-FSE, bi ftehim mal-Partijiet, jistgħu jistiednu esperti biex jattendu l-laqgħat tiegħu biex jipprovdu informazzjoni fuq suġġetti speċifiċi.
5. Bi ftehim mill-Partijiet, is-Segretarju jista' jqassar il-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafu 1 sabiex jittqiesu l-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

Artikolu 10

Minuti

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jinkiteb mis-Segretarju, mill-iktar fis, normalment fi żmien xahar wara l-laqgħa.
2. Il-minuti għandhom, bħala regola ġenerali, jagħtu fil-qosor kull punt fl-aġenda u fejn applikabbli jispeċifikaw:
 - (a) id-dokumenti kollha sottomessi lill-Kumitat tal-FSE,
 - (b) kwalunkwe dikjarazzjoni li membru tal-Kumitat tal-FSE jkun talab li tiddaħħal,
 - (c) id-deċiżjonijiet meħuda, ir-rakkommandazzjonijiet magħmula, id-dikjarazzjonijiet miftiehma u l-konklużjonijiet adottati dwar punti speċifiċi.
3. Il-minuti għandhom jinkludu wkoll lista tal-partiċipanti tal-Kumitat tal-FSE u lista ta' kwalunkwe osservatur tal-laqgħa.
4. L-approvazzjoni tal-minuti għandha tiġi kkonfermat bil-miktub fi żmien xahrejn mid-data tal-laqgħa mill-Istati tal-ESA Firmatarji u mill-UE. Ladarba approvati, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mis-Segretarju. Kull Stat tal-ESA Firmatarju u l-Parti tal-UE għandhom jirċievu kopja oriġinali ta' dawn id-dokumenti awtentiċi.

Artikolu 11

Deċiżjonijiet u Rakkommandazzjonijiet

1. Il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta deċiżjonijiet u rakkommandazzjonijiet b'kunsens.
2. Il-Kumitat tal-FSE jista' jiddeċiedi li jissottometti kwalunkwe kwistjoni ġenerali ta' interess AKP-UE kollha li tirriżulta mill-Ftehim lill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE kif definit fl-Artikolu 15 tal-Ftehim ta' Cotonou.

3. Fil-perjodu ta' bejn il-laqgħat, il-Kumitat tal-FSE jista' jadotta deċiżjonijiet bil-proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir dan. Proċedura bil-miktub għandha tikkonsisti minn skambju ta' noti bejn il-Partijiet.
4. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-FSE għandhom ikollhom it-titolu "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament u jkunu segwiti b'numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni tagħhom u deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Kull deċiżjoni għandha tipprevedi d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.
5. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat tal-FSE għandhom jiġi awtentikati minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea f'isem il-Parti tal-UE u minn rappreżentant tal-Istati tal-ESA.
6. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Partijiet bħala dokumenti tal-Kumitat tal-FSE.

Artikolu 12

Pubbliċità

1. Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat tal-FSE ma għandhomx ikunu pubbliċi.
2. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-FSE fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Artikolu 13

Lingwi

1. Il-lingwi ta' ħidma tal-Kumitat tal-FSE għandhom ikunu l-lingwi uffiċjali komuni għall-Partijiet, l-Ingliż u l-Franċiż.
2. Il-Kumitat tal-FSE għandu jibbaża d-deliberazzjonijiet u jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu dwar id-dokumentazzjoni u l-proposti mħejjija safejn possibbli biż-żewġ lingwi msemmija fil-paragrafu 1. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet se jiġu pprovduti fiż-żewġ lingwi msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 14

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tħallas l-ispejjeż li tagħmel b'riżultat tal-parteciċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat tal-FSE, kemm fir-rigward tal-impjegati, l-ivvjaġġar u n-nefqa tas-sussistenza kif ukoll fir-rigward tan-nefqa tal-posta u t-telekomunikazzjonijiet.
2. In-nefqa marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qiegħda tospita l-laqgħa.
3. In-nefqa marbuta mal-forniment tas-servizzi tal-interpretazzjoni fil-laqgħat u mat-traduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa. In-nefqa assoċjata mal-forniment tas-servizzi tal-interpretazzjoni u t-traduzzjoni tad-dokumenti fil-lingwi u mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandha titħallas mill-Parti tal-UE.

Artikolu 15

Emenda tar-Regoli ta' Proċedura

Ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 11.

ANNEX II

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT DWAR IL-KOOPERAZZJONI DOGANALI

**stabbilit mill-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika
bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa u l-Komunità Ewropea u l-
Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra**

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Ir-Regoli ta' Proċedura f'dan l-Anness għandhom japplikaw għall-proċedimenti ta' kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali.

Artikolu 2

Rwol tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali

Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali se jiġi stabbilit skont l-Artikolu 41 tal-Protokoll nru 1 tal-Ftehim. Għandu jittrata wkoll il-kwistjonijiet kollha ddelegati lilhom mill-Kumitat tal-FSE.

Artikolu 3

Kompożizzjoni u President

1. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali huwa kompost, fuq naħa, minn rappreżentanti tal-Parti tal-UE u, min-naħa l-oħra minn rappreżentanti tal-Istati tal-ESA Firmatarji³.
2. Ir-referenza għall-"Partijiet" fir-Regoli ta' Proċedura hija skont id-definizzjoni prevista fl-Artikolu 61 tal-Ftehim.
3. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u minn rappreżentant tal-Istati tal-ESA. L-Istati tal-ESA Firmatarji jassumu l-presidenza fuq bażi annwali b'rotazzjoni.

Artikolu 4

Osservaturi

1. Rappreżentanti tas-Suq Komuni għall-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar (COMESA) u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni tal-Oċean Indjan (IOC) għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali bħala osservaturi.
2. Is-Segretarju tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandu jinnotifika lir-rappreżentanti tal-COMESA u tal-IOC bi kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw bħala osservaturi.
3. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu kollettivament li jistiednu osservaturi addizzjonali fuq bażi *ad hoc*. Dawn l-osservaturi jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħa, fuq stedina ta'

³ Il-Madagaskar, il-Mawrizju, is-Seychelles u ż-Żimbabwe.

wieħed mill-Kopresidenti u bl-approvazzjoni tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali.

4. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali jista' jiddetermina li kwalunkwe parti mil-laqgħat li jinvolvu kwistjonijiet sensitivi jistgħu jkunu magħluqa għall-osservaturi.

Artikolu 5

Laqgħat

1. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Ftehim, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandu jiltaqa' fuq talba ta' kwalunkwe Parti. Jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu, il-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali jistgħu jsiru permezz ta' konferenza bil-vidjow jew telekonferenza. F'dan il-każ kull Parti għorr l-ispiża rispettiva tagħha assoċjata mat-twettiq ta' laqgħa b'dawn il-mezzi, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor.
2. Kull sezzjoni tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandha ssir f'data u post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ Partijiet.
3. Il-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandhom jissejħu mis-Segretarju tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali.

Artikolu 6

Delegazzjonijiet

Qabel kull laqgħa, il-Kopresidenti tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandhom ikunu infurmati dwar kif bi ħsiebhom ikunu komposti d-delegazzjonijiet tal-Istati tal-ESA u tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 7

Segretarjat

L-uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati tal-ESA għandhom jaġixxu fuq bażi alternata għal perjodi ta' tnax-il xahar bħala Segretarju tal-Kumitat. L-Istat tal-ESA Firmatarju jista' jkun assistit mis-Segretarjat tal-COMESA. Dawn il-perjodi għandhom jikkoinċidu mal-perjodu meta s-Segretarjat tal-Kumitat tal-FSE ikun f'idejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati tal-ESA rispettivament. L-Istati tal-ESA Firmatarji se jassumu s-Segretarjat fuq bażi ta' rotazzjoni.

Artikolu 8

Dokumenti

Meta d-deliberazzjonijiet tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali jkunu bbażati fuq dokumenti bil-miktub ta' appoġġ, dawn id-dokumenti jiġu nnumerati u ċċirkolati bħala dokumenti tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali mis-Segretarju mill-anqas 14-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa.

Artikolu 9

Korrispondenza

1. Il-korrispondenza kollha indirizzata lill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandha tintbagħat għand is-Segretarju tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali.
2. Is-Segretarju għandu jiżgura li l-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali tingħata lill-Kopresidenti tal-Kumitat u tiġi ċċirkolata, fejn xieraq bħala dokumenti msemija fl-Artikolu 8 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.
3. Il-korrispondenza mill-Kopresidenti tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandha tintbagħat lill-Partijiet mis-Segretarju u fejn xieraq tiġi ċċirkolata bħala dokumenti msemija fl-Artikolu 8 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

Artikolu 10

Aġenda tal-laqgħat

1. Għandha titfassal aġenda annotata provviżorja għal kull laqgħa mis-Segretarju tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali abbażi tal-proposti li jsiru mill-Partijiet. Din għandha tintbagħat mis-Segretarju tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali lill-Partijiet sa mhux iktar tard minn tliet ġimgħat qabel il-bidu tal-laqgħa.
2. L-aġenda annotata provviżorja għandha tinkludi l-punti, li sa mhux aktar tard minn xahar qabel il-bidu tal-laqgħa s-Segretarju jkun irċieva talba biex jiġi inklużi fl-aġenda, għalkemm dawn il-punti ma għandhomx jitniżżlu fl-aġenda provviżorja sakemm id-dokumenti rilevanti ta' appoġġ ma jkunux waslu għand is-Segretarju sa mhux aktar tard mid-data li fiha tintbagħat l-aġenda provviżorja.
3. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali fil-bidu ta' kull laqgħa. Punt appartati dawk li jidhru fl-aġenda provviżorja jista' jittieghed fuq l-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.
4. Il-Kopresidenti tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali, bi ftehim mal-Partijiet, jistgħu jistiednu esperti sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu biex jipprovdu informazzjoni fuq suġġetti speċifiċi.
5. Bi ftehim mill-Partijiet, is-Segretarju jista' jqassar il-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafu 1 sabiex jittqiesu l-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

Artikolu 11

Minuti

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jinkiteb mis-Segretarju, mill-iktar fis, normalment fi żmien xahar wara l-laqgħa.
2. Il-minuti għandhom, bħala regola ġenerali, jagħtu fil-qosor kull punt fl-aġenda u fejn applikabbli jispeċifikaw:
 - (a) id-dokumenti kollha sottomessi lill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali,
 - (b) kwalunkwe dikjarazzjoni li xi membru tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali jkun talab li tiddaħħal;
 - (c) id-deċiżjonijiet meħuda, ir-rakkommandazzjonijiet magħmula, id-dikjarazzjonijiet miftiehma u l-konklużjonijiet adottati dwar punti speċifiċi.

3. Il-minuti għandhom jinkludu wkoll lista tal-parteċipanti fil-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali u kwalunkwe osservatur tal-laqgħa.
4. L-approvazzjoni tal-minuti għandha tiġi kkonfermata bil-miktub fi żmien xahrejn mid-data tal-laqgħa mill-Istati tal-ESA Firmatarji u mill-UE. Ladarba approvati, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mis-Segretarju. Kull Stat tal-ESA Firmatarju u l-Parti tal-UE għandhom jirċievu kopja oriġinali ta' dawn id-dokumenti awtentiċi.

Artikolu 12

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandu jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet b'konsens.
2. Fil-perjodu ta' bejn il-laqgħat, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali jista' jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk. Proċedura bil-miktub għandha tikkonsisti minn skambju ta' noti bejn il-Partijiet.
3. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandhom ikollhom it-titolu "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament u jkunu segwiti b'numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni tagħhom u deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Kull deċiżjoni għandha tippredvi d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.
4. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandhom jiġu awtentikati minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea f'isem il-Parti tal-UE, u minn rappreżentant tal-Istati tal-ESA.
5. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Partijiet u lill-Kumitat tal-FSE bħala dokumenti tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali.

Artikolu 13

Pubbliċità

1. Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali ma għandhomx ikunu pubbliċi.
2. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' dan il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Artikolu 14

Lingwi

1. Il-lingwi ta' ħidma tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandhom ikunu l-lingwi uffiċjali komuni għall-Partijiet, l-Ingliż u l-Franċiż.
2. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandu jibbaża d-deliberazzjonijiet u jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu dwar id-dokumentazzjoni u l-proposti mħejjija safejn possibbli biż-żewġ lingwi msemmija fil-paragrafu 1. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet se jiġu pprovduti fiż-żewġ lingwi msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 15

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tħallas l-ispejjeż li ġġarrab bħala riżultat tal-parteciċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali, kemm fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u n-nefqa tas-sussistenza kif ukoll fir-rigward tan-nefqa tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet.
2. In-nefqa marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qiegħda tospita l-laqgħa.
3. In-nefqa marbuta mal-forniment tas-servizzi tal-interpretazzjoni fil-laqgħat u mat-traduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa. In-nefqa assoċjata mal-forniment tas-servizzi tal-interpretazzjoni u t-traduzzjoni tad-dokumenti fil-lingwi u mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandha titħallas mill-Parti tal-UE.

Artikolu 16

Rappurtar

Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandu jirrapporta għand il-Kumitat tal-FSE.

Artikolu 17

Emenda tar-Regoli ta' Proċedura

Ir-regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati mill-Kumitat tal-FSE. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali jista' jressaq rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat tal-FSE fejn jipproponi bidliet fir-Regoli ta' Proċedura.

ANNEX III

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-IŻVILUPP

stabbilit mill-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Ir-Regoli ta' Proċedura f'dan l-Anness japplikaw għall-proċedimenti ta' kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp.

Artikolu 2

Rwol tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp

Il-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp huwa stabbilit bħala sottokumitat tal-Kumitat tal-FSE. Skont l-Artikolu 52 tal-Ftehim Interim, għandu jiddiskuti kwistjonijiet tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp marbuta mal-implimentazzjoni tal-Ftehim Interim.

Artikolu 3

Kompożizzjoni u President

1. Il-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp huwa kompost, minn naħa, minn rappreżentanti tal-parti tal-UE u min-naħa l-oħra minn rappreżentanti tal-Istati tal-ESA.
2. Ir-referenza għall-“Partijiet” fir-Regoli ta' Proċedura hija skont id-definizzjoni prevista fl-Artikolu 61 tal-Ftehim.
3. Il-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u minn rappreżentant tal-Istati tal-ESA. L-Istati tal-ESA Firmatarji jassumu l-presidenza fuq bażi annwali b'rotazzjoni.

Artikolu 4

Osservaturi

1. Rappreżentanti tas-Suq Komuni għall-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar (COMESA) u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni tal-Oċean Indjan (IOC) għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp bħala osservaturi.
2. Is-Segretarju tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandu jinnotifika lir-rappreżentanti tal-COMESA u tal-IOC bi kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw bħala osservaturi.
3. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu kollettivament li jistiednu osservaturi addizzjonali fuq bażi *ad hoc*. Dawn l-osservaturi jistgħu jieħdu schem fil-laqgħa, fuq stedina tal-Kopresident u bl-approvazzjoni tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp.
4. Il-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp jista' jiddetermina li kwalunkwe parti mil-laqgħat li jinvolvu kwistjonijiet sensittivi jistgħu jkunu magħluqa għall-osservaturi.

Artikolu 5

Laqgħat

1. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Ftehim, il-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandu jiltaqa' fuq talba ta' kwalunkwe Parti. Jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp jistgħu jsiru permezz ta' konferenza bil-vidjow jew telekonferenza. F'dan il-każ kull Parti għorr l-ispiża rispettiva tagħha assoċjata mat-twettiq ta' laqgħa b'dawn il-mezzi, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor.
2. Kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandha ssir fid-data u l-post miftiehem miż-żewġ Partijiet.
3. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandhom jitlaqqgħu mis-Segretarju tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp.

Artikolu 6

Delegazzjonijiet

Qabel kull laqgħa, il-Kopresidenti tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandhom ikunu infurmati dwar kif bi ħsiebhom ikunu komposti d-delegazzjonijiet tal-Istati tal-ESA u tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 7

Segretarjat

L-uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati tal-ESA Firmatarji għandhom jaġixxu fuq bażi alternata għal perjodi ta' tnax-il xahar bħala Segretarju tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp. L-Istati tal-ESA Firmatarji jistgħu jkunu assistiti mis-Segretarjat tal-COMESA. Dawn il-perjodi għandhom jikkoinċidu mal-perjodu meta s-Segretarjat tal-Kumitat tal-FSE ikun f'idejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati tal-ESA rispettivament. L-Istati tal-ESA Firmatarji se jassumu s-Segretarjat fuq bażi ta' rotazzjoni.

Artikolu 8

Dokumenti

Meta d-deliberazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp ikunu bbażati fuq dokumenti bil-miktub ta' appoġġ, dawn id-dokumenti għandhom jiġu nnumerati u ċċirkolati bħala dokumenti tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp mis-Segretarju mill-anqas 14-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa.

Artikolu 9

Korrispondenza

1. Il-korrispondenza kollha indirizzata lill-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandha tintbagħat lis-Segretarju tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp.
2. Is-Segretarju għandu jiżgura li l-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp tingħata lill-Kopresidenti tal-Kumitat u tiġi ċċirkolata, fejn xieraq bħala dokumenti msemmija fl-Artikolu 8 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

3. Il-korrispondenza mill-Kopresidenti tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandha tintbagħat lill-Partijiet mis-Segretarju u fejn xieraq tiġi ċċirkolata bħala dokumenti msemija fl-Artikolu 8 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

Artikolu 10

Aġenda tal-laqgħat

1. Għandha titfassal aġenda provviżorja għal kull laqgħa mis-Segretarju tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp abbażi tal-proposti li jsiru mill-Partijiet. Din għandha tintbagħat mis-Segretarju tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp lill-Partijiet sa mhux iktar tard minn tliet ġimgħat qabel il-bidu tal-laqgħa.
2. L-aġenda provviżorja għandha tinkludi l-punti, li sa mhux aktar tard minn xahar qabel il-bidu tal-laqgħa s-Segretarju jkun irċieva talba biex jiġu inklużi fl-aġenda, għalkemm dawn il-punti ma għandhomx jitniżżlu fl-aġenda provviżorja sakemm id-dokumenti rilevanti ta' appoġġ ma jkunux waslu għand is-Segretarju sa mhux aktar tard mid-data li fiha tintbagħat l-aġenda provviżorja.
3. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp fil-bidu ta' kull laqgħa. Punt appartati dawk li jidhru fl-aġenda provviżorja jista' jitqiegħed fuq l-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.
4. Il-Kopresidenti tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp, bi ftehim mal-Partijiet, jistgħu jistiednu esperti biex jattendu l-laqgħat tiegħu biex jipprovdu informazzjoni fuq suġġetti speċifiċi.
5. Bi ftehim mill-Partijiet, is-Segretarju jista' jqassar il-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

Artikolu 11

Minuti

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jinkiteb mis-Segretarju, mill-iktar fis, normalment fi żmien xahar wara l-laqgħa.
2. Il-minuti għandhom, bħala regola ġenerali, jagħtu fil-qosor kull punt fl-aġenda u fejn applikabbli jispeċifikaw:
 - (a) id-dokumenti kollha sottomessi lill-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp,
 - (b) kwalunkwe dikjarazzjoni li membru tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp ikun talab li tiddaħħal,
 - (c) id-deċiżjonijiet meħuda, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula, id-dikjarazzjonijiet miftiehma u l-konklużjonijiet adottati dwar punti speċifiċi.
3. Il-minuti għandhom jinkludu wkoll lista tal-parteċipanti tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp u lista ta' kwalunkwe osservatur tal-laqgħa.
4. L-approvazzjoni tal-minuti għandha tiġi kkonfermat bil-miktub fi żmien xahrejn mid-data tal-laqgħa mill-Istati tal-ESA Firmatarji u mill-UE. Ladarba approvati, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mis-Segretarju. Kull Stat tal-ESA Firmatarju u l-Parti tal-UE għandhom jirċievu kopja oriġinali ta' dawn id-dokumenti awtentiċi.

Artikolu 12

Rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandu jadotta rakkomandazzjonijiet b'konsens.
2. Fil-perjodu ta' bejn il-laqgħat, il-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp jista' jadotta rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir dan. Proċedura bil-miktub għandha tikkonsisti minn skambju ta' noti bejn il-Partijiet.
3. Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandhom ikunu intitolati "Rakkomandazzjoni" u segwiti b'numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni tagħhom u deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom.
4. Ir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandhom jiġu awtentikati minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea f'isem il-Parti tal-UE, u minn rappreżentant tal-Istati tal-ESA.
5. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Partijiet bħala dokumenti tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp u għandhom jiġu sottomessi lill-Kumitat tal-FSE għal konsiderazzjoni.

Artikolu 13

Pubbliċità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp ma għandhomx ikunu pubbliċi.

Artikolu 14

Lingwi

1. Il-lingwi ta' ħidma tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandhom ikunu l-lingwi uffiċjali komuni għall-Partijiet, l-Ingliż u l-Franċiż.
2. Il-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandu jibbaża d-deliberazzjonijiet u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar id-dokumentazzjoni u l-proposti mħejjija safejn possibbli biż-żewġ lingwi msemmija fil-paragrafu 1. Ir-rakkomandazzjonijiet se jkunu pprovduti fiż-żewġ lingwi msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 15

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkopri kwalunkwe spiża li tagħmel bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp, kemm fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u l-ispejjeż ta' sussistenza kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż ta' posta u telekomunikazzjoni.
2. In-nefqa marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qiegħda tospita l-laqgħa.
3. In-nefqa marbuta mal-forniment tas-servizzi tal-interpretazzjoni fil-laqgħat u mat-traduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa. In-nefqa assoċjata mal-forniment tas-servizzi tal-interpretazzjoni u t-traduzzjoni tad-dokumenti fil-lingwi u mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandha titħallas mill-Parti tal-UE.

Artikolu 16

Rappurtar

Il-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp għandu jirrapporta għand il-Kumitat tal-FSE.

Artikolu 17

Emenda tar-Regoli ta' Proċedura

Ir-regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati mill-Kumitat tal-FSE. Il-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp jista' jressaq rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat tal-FSE fejn jipproponi bidliet fir-Regoli ta' Proċedura.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA SIMPLIFIKATA

(biex tintuża għal kwalunkwe deċiżjoni interna tal-Kummissjoni ta' sinifikat ġenerali b'impatt baġitarju fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva jew fuq ir-riżorsi umani, meta l-użu ta' kwalunkwe tip ieħor ta' dikjarazzjoni finanzjarja ma jkunx adattat –Artikolu 23 tar-Regoli Interni)

1. Titolu tal-abbozz ta' deċiżjoni:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea rigward ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali u l-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp previst fil-Ftehim Interim li jstabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra

2. Qasam (oqsma) ta' politika u attività/ijiet ABB konċernat/i:

20 - Politika Kummerċjali

3. Bażi ġuridika:

x Awtonomija amministrattiva ☐ Oħrajn
(speċifika): _____

4. Deskrizzjoni u ġustifikazzjonijiet:

Id-deċiżjoni tikkonċerna laqgħat u funzjonijiet tal-istituzzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti skont il-FSE Interim. Huma stabbiliti laqgħat tal-istituzzjonijiet bil-għan li jsegwu l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

5. It-tul ta' żmien u stima tal-impatt finanzjarju:

5.1. Perjodu ta' applikazzjoni:

☐ Deċiżjoni b'tul ta' żmien limitat: deċiżjoni fis-seħħ minn [data] sa [data]

x Deċiżjoni għal tul ta' żmien indefinit: fis-seħħ minn [data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni]

5.2. Impatt baġitarju stmat:

L-abbozz tad-deċiżjoni jinvolvi:

☐ iffrankar

x spejjeż addizzjonali (jekk iva, speċifika l-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali konċernat): Intestatura 5 - nefqa amministrattiva

5.3. Kontribuzzjonijiet minn parti terza għall-finanzjament tal-abbozz tad-deċiżjoni:

Jekk il-proposta tipprevedi kofinanzjament mill-Istati Membri jew minn korpi oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tingħata stima tal-livell ta' kofinanzjament, jekk magħruf.

approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5	Sena n+6	Total
Speċifika s-sors/korp ta' kofinanzjam ent								
Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati								

5.4. Spjegazzjoni taċ-ċifri:

Spejjeż medji għall-persunal jidhru f'qiegħ il-paġna
http://www.cc.cec/budg/pre/legalbasis/pre-040-020_preparation_en.html

6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali:

☒ Il-proposta hija kompatibbli mal-programmar finanzjarju eżistenti.

☐ Il-proposta se tinvolvi programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

☐ Il-proposta teħtieġ l-użu tal-istrument tal-flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali⁴.

7. Impatt fuq l-iffrankar jew spejjeż addizzjonali għall-allokazzjoni tar-riżorsi:

☐ Ir-riżorsi se jinkisbu permezz ta' riallokazzjoni interna fid-dipartiment

☒ Ir-riżorsi diġà huma allokati lid-dipartiment(i) konċernat(i)

☐ Riżorsi li se jintalbu waqt il-proċedura ta' allokazzjoni li jmiss

Ir-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa se jkunu koperti bl-allokazzjoni li tista' tingħata lid-DĠ li jimmaniġġja skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni fid-dawl tal-limitazzjonijiet eżistenti tal-baġit.

⁴ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

ANNESS:

STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU (iffrankar jew spejjeż addizzjonali) FUQ L-APPROPRJAZZJONIJIET TA' NATURA AMMINISTRATTIVA JEW GĦAR-RIŻORSI UMANI

EFT=Ekwivalenti għall-full-time

XX huwa l-qasam politiku jew it-titolu konċernat

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

EFT f'persuni/sena	Sena n		Sena n+1		Sena n+2		Sena n+3		Sena n+4		Sena n+5		Sena n+6		TOTAL /Spiża annwali	
Intestatura 5	EFT	approp.	EFT	approp.	EFT	approp.	EFT	approp.	EFT	approp.	EFT	approp.	EFT	approp.	EFT	approp.
Karigi tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u/jew persunal temporanju)																
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.21
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)																
Persunal estern																
XX 01 02 01 ('pakkett kumplessiv')																
XX 01 02 02 (Delegazzjonijiet)																
Linji tal-baġit oħra (speċifika)																
Subtotal - Intestatura 5	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.21

Barra mill-Intestatura 5																
Karigi tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u/jew persunal temporanju)																
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)																
10 01 05 01 (Riċerka diretta)																
Persunal estern																
XX 01 04 yy																
- Kwartieri Ġenerali																
- Delegazzjonijiet																
XX 01 05 02 (Riċerka indiretta)																
10 01 05 02 (Riċerka diretta)																
Linji tal-baġit oħra (speċifika)																
Subtotal – Barra mill-Intestatura 5																
TOTAL	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.03	0.2	0.21

Ir-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa se jkunu koperti bl-allokazzjoni li tista' tingħata lid-DĠ li jimmaniġġja skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni fid-dawl tal-limitazzjonijiet eżistenti tal-baġit.

Appropriazzjonijiet amministrattivi oħra

XX huwa l-qasam politiku jew it-titolu konċernat

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5	Sena n+6	TOTAL
Intestatura 5								
Kwartieri ġenerali:								
XX 01 02 11 01 - Infiq tal-missjoni u r-rappreżentanza	0.01	0.01	0.01	0.01	0.01	0.01	0.01	0.07
XX 01 02 11 02 — Spejjeż tal-konferenzi u l-laqgħat	0.01	0.01	0.01	0.01	0.01	0.01	0.01	0.07
XX 01 02 11 03 – Kumitati								
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet								
XX 01 03 01 03 — Tagħmir u għamara								
XX 01 03 01 04 — Servizzi u nfiq operazzjonali ieħor								
Linji tal-baġit oħra (speċifika fejn xieraq) – Servizzi ta' traduzzjoni	0.01	0.01	0.01	0.01	0.01	0.01	0.01	0.07

Delegazzjonijiet:								
XX 01 02 12 01 – Spejjeż tal-missjonijiet, il-konferenzi u r-rappreżentanza								
XX 01 02 12 02 — Iktar taħriġ għall-persunal								
XX 01 03 02 01 — Xiri, kiri u nfiq relatat								
XX 01 03 02 02 Tagħmir, għamara, provvisti u servizzi								
Subtotal - Intestatura 5	0.03	0.03	0.03	0.03	0.03	0.03	0.03	0.21
Barra mill-Intestatura 5								
XX 01 04 yy - Infiq fuq assistenza teknika u amministrattiva (inkluż persunal estern) minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA")								
- Kwartieri Ġenerali								
- Delegazzjonijiet								
XX 01 05 03 - Nefqa manigġerjali oħra għal riċerka indiretta								
10 01 05 03 - Nefqa manigġerjali oħra għal riċerka diretta								

Linji tal-baġit oħra (speċifika fejn xieraq)								
Subtotal – Barra mill-Intestatura 5								
TOTAL KUMPLESSIV	0.03	0.03	0.03	0.03	0.03	0.03	0.03	0.21

Ir-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa se jkunu koperti bl-allokazzjoni li tista' tingħata lid-DĠ li jimmaniġġja skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni fid-dawl tal-limitazzjonijiet eżistenti tal-baġit.